MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 584/2003

**Dorothy Baldacchino bhala legittima rappresentanti ta' binha minuri Wallace Vella**

**vs**

**Joseph Vella u Miriam sive Many Bartolo**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attrici nomine ppremettiet :-

Illi l-minuri Wallace Vella huwa iben Dorothy Baldacchino u l-mejjet Fortunato Vella, kif jirrizulta mill-anness certifikat immarkat Dok A;

Illi Fortunato Vella miet fit-8 ta’ Dicembru 2001, u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat immarkat Dok B;

Illi l-mejjet Fortunato vella kien halla testment, fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Falzon, liema testment kien gie maghmul fid-9 ta’ Jannar 2001;

Illi l-konvenuti huma l-werrieta u eredi tal-mejjet Fortunato Vella;

Illi l-mejjet Fortunato Vella, ma halla xejn lil ibnu Wallace Vella fit-testment fuq indikat;

Illi skond id-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili, l-minuri Wallace ghandu dritt ghall-legittima;

Illi minkejja diversi nterpellanzi minn ghand l-attur ghal-likwidazzjoni u hlas tas-sehemu, il-konvenut baqghu inadempjenti;

Ghalhekk l-attrici nomine talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandiex:-

Tiddikjara li l-minuri Wallace Vella bhala iben il-mejjet Fortunato Vella ghandu d-dritt ghal-legittima mill-gid li halla l-mejjet Fortunato Vella;

Tillikwida sehem spettanti lill-minuri Wallace Vella bhala legittima;

Tikkundanna l-konvenuti jassenjaw u/jew ihallsu lil minuri Wallace Vella jew lill-kuraturi tieghu s-sehem hekk kif likwidat hawn fuq;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici nomine debitament konfermata bil-gurament u llista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit :-

1. Illi fl-ewwel lok, l-attrici nomine kellha ggib il-prova legali (i) li hi ghandha r-rapprezentanza legittima ta’ binha minuri skond il-ligi u (ii) li hi kellha d-dritt li tipproponi din il-kawza;

Illi peress li l-attrici naqset milli ggib dawn il-provi mal-prezentata tac-citazzjoni, l-istess citazzjoni hija irrita w nulla u ghalhekk l-istanza ghandha tigi michuda u l-eccipjenti ghandhom jigu liberati bl-ispejjez kontra l-attrici nomine;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, ic-citazzjoni hija monka u kwindi nulla, billi tivvjola d-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 156(2)(3) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili u dana peress illi:

(a) naqset milli ggib il-provi dokumentarji rikjesti mil-ligi, dwar it-testment jew testmenti tad-decuius, li jistghu jirregolaw is-successjoni tieghu; u
(b) naqset milli tiddikjara dwar kull xhud li indikat, xi prova bi hsiebha taghmel bix-xhieda tieghu;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, ic-citazzjoni hija nulla billi, fil-premessi tac-citazzjoni, tonqos il-kawzali illi t-testment imqieghed abbazi tal-pretensjonijiet attrici huwa fil-fatt it-testment li jirregola s-successjoni tad-decuius Fortunato Vella u tonqos ukoll il-prova dokumentarja relattiva;

Illi inoltre l-attrici nomine naqset li tindika it-tip partikolari ta’ legittima li qed tippretendi f’din l-istanza u fuq il-bazi ta’ liema artikolu tal-Kodici Civili qed tibni l-pretensjoni taghha. Illi dan jirrendi c-citazzjoni de quo monka u kwindi irritwali;

4. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, l-attrici nomine naqset milli tintavola domanda specifika li permezz taghha titlob il-likwidazzjoni tal-wirt tad-decuius Fortunato Vella, liema domanda hija preordinata u necessarja sabiex eventwalment setghet tigi stabilita il-

legittima li tifforma l-meritu tad-domanda numru tnejn ta’ l-attrici nomine;

Illi, minhabba f’ dan, l-istanza hi proceduralment insostenibbli u irritwali u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur nomine;

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, il-pretensjonijiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michud bl-ispejjez kontra l-attrici nomine;

6. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, fil-mertu jirrizulta ili l-wirt ta’ Fortunato Vella ma kellu ebda beni ( xejn attiv izda biss passivita'). Dwar dan,l-attrici nomine kienet giet debitament informata zmien qabel ma giet presentata l-kawza u ghalhekk din l-istanza giet presentata inutilment. Id-domandi attrici gjhandhom ghalhekk jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici nomine;

7. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, ghal kull buon fini, ghall-iskopijiet partikolari ta’ din il-kawza, u ghal kull fini w effett tal-ligi, jigi dikjarat illi ricentement irrizulta lill-eccipjenti illi l-attrici nomine irceviet minghand id-decuius beni, beneficcji u ammonti sostanzjali, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuti dwar l-ewwel erba eccezzjonijiet taghhom;

Rat in-nota ta’ twegiba tal-attrici nomine;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-ewwel erba eccezzjonijiet tal-konvenuti;

Ikkonsidrat:

Din l-azzjoni qed issir mill-attrici ghan-nom ta’ binha minuri Wallace Vella li hu bin l-mejjet Fortunato Vella. L-attrici nomine tippremetti li l-imsemmi missier tal-minuri miet fit-8 ta’ Dicembru 2001 u li hu ghamel testment fid-9 ta’ Jannar 2001 fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Falzon. L-attrici tkompli tippremetti li l-konvenuti huma l-eredi tal-imsemmi Fortunato Vella, li ma halla xejn lill-imsemmi ibnu Wallace Vella. L-attrici ssostni li skond il-ligi l-imsemmi minuri ghandu dritt ghall-legittima u l-konvenuti qed jirrifjutaw li jersqu ghal likwidazzjoni ta’ din il-legittima. Ghalhekk l-attrici nomine qed titlob li jigi dikjarat li l-imsemmi minuri bhala bin il-mejjet Fortunato Vella ghandu d-dritt ghal-legittima mill-gid li halla l-istess Fortunato Vella u li tigi likwidata l-istess legittima. Qed titlob ukoll li l-konvenuti jigu kundannati jassenjaw u/jew ihallsu lil minuri Wallace Vella jew lill-kuraturi tieghu s-sehem hekk likwidat;

Il-konvenuti fl-ewwel lok jeccepixxu li l-attrici nomine kellha ggib il-prova legali li hi ghandha r-rapprezentanza legittima ta’ binha minuri u li ghandha d-dritt tipproponi din l-azzjoni.u peress li din il-prova ma saritx allura c-citazzjoni hi nulla u konsegwentement l-istanza ghandha tigi michuda. Fit-tieni lok il-konvenuti eccpiew li c-citazzjoni hija monka u kwindi nulla, billi tivvjola d-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 156(2)(3) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili u dana peress illi l-attrici naqset li ggib il-provi dokumentarji rikjesti mil-ligi, dwar it-testment jew testmenti tad-decuius u naqset milli tiddikjara dwar kull xhud li indikat, xi prova bi hsiebha taghmel bix-xhieda tieghu. Fit-tielet lok qed jeccepixxu li c-citazzjoni hija nulla billi tonqos il-kawzali illi t-testment imsemmi hu in effett it-testment li jirregola s-successjoni tad-decuius Fortunato Vella u tonqos ukoll il-prova dokumentarja relattiva. Inoltre l-attrici nomine naqset li tindika it-tip partikolari ta’ legittima li qed tippretendi f’din l-istanza u naqset li tindika fuq liema artikolu tal-ligi qed tibbaza l-pretensjoni taghha. Ghalhekk ic-citazzjoni hi monka u kwindi irritwali. Fir-raba lok l-attrici nomine naqset li titlob il-likwidazzjoni tal-wirt tad-decuius Fortunato Vella, liema talba ghandha necessarjament tipprecedi t-talba ghal likwidazzjoni tal-legittima u

ghalhekk l-azzjoni hi proceduralment insostenibbli u irritwali;

Dawn huma biss l-ewwel erba eccezzjonijiet tal-konvenuti u l-presenti sentenza tittratta biss dawn l-ewwel erba eccezzjonijiet tal-konvenuti;

Dawn l-eccezzjonijiet principalment jirreferu ghan-nuqqas ta’ produzzjoni da parti tal-attrici nomine almenu sa dan l-istadju ta’ dokumenti li l-konvenuti jirretjenu li huma neccessarji u indispensabbli ghal prosegwiment ta’ dawn il-proceduri. L-istess eccezzjonijiet jirreferu ukoll ghal nuqqas ta kawzali u ta’ talba li skond il-konvenuti huma ukoll essenzjali ghal prosegwiment ta’ din l-azzjoni;

F’dan ir-rigward u fl-ewwel lok il-konvenuti jippretendu li l-attrici kellha tannetti dokument ufficjali li bih tipprova li fil-gurnata tal-presentata tac-citazzjoni hi kellha r-rapprezentanza legittima ta binha minuri u li hi kienet ikkonservat, skond il-ligi, id-drittijiet tal-genituri, fosthom id-dritt tar-rapprezentanza fuq il-minuri, meta gie nieqes il-missier biologiku tal-minuri. Il-konvenuti jghamlu dawn is-sottomissjonijiet hekk, in generali, minghajr ma jispecifikaw fuq liema artikolu tal-ligi huma qed jibbazaw l-istess sottomissjonijiet taghhhom;

L-artikolu 781 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta) jipprovdi li minuri jista jagixxi f’kawza biss fil-persuna tal-genitur tieghu li jkollu fuqa s-setgha ta’ genitur. L-artikolu 131(2) u l-artikolu 146(1) tal-Kodici Civili inoltre jipprovdu li s-setgha fuq l-ulied ghandha tigi esrcitata minn dak il-genitur li jibqa haj. Ghalhekk ir-rappresentanza ta’ l-ulied minuri f’kawza ukoll tghaddi ghand dak il-genitur li jkun ghadu haj. Ghalhekk, f’dan ir-rigward, jidher li ma hemm xejn irregolari fil-presenti proceduri u ma hemm l-ebda dokumenti f’dan ir-rigward li ghandhom jigu esibiti mill-attrici nomine. Ghalhekk ukoll din l-ewwel eccezzjoni ma tistax tigi akkolta;

Fit-tieni lok il-konvenuti eccipew li c-citazzjoni hi nulla peress l-l-attrici nomine naqset li ggib provi dokumentatji

dwar it-testment jew testmenti li jirregolaw il-wirt tal-imsemmi decuius. F’dan ir-rigward jirrizulta li l-attrici ppremetiet li d-decuius ghamel testment u li huwa ma halla xejn lill ibnu minuri. Apparti l-fatt li l-attrici nomine ghad tista tiproduci kopja ta’ tali testment fl-istadju tal-provi, mhux necessarju li kopja tal-istess testment tigi esibita mac-citazzjoni. Inoltre l-konvenuti ser ikollhom kull opportunita’ li ttihom il-ligi biex jekk iridu jghamlu kull prova f’dan ir-rigward;

Il-konvenuti jeccepixxu ukoll li c-citazzjoni hi nulla peress li l-attrici nomine naqset milli tiddikjara liema prova bi hsiebha taghmel bix-xhieda elenkati. F’dan ir-rigward l-attrici ghad tista tinvoka il-provvedimenti ta’ l-artikolu 175 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, biex tigi awtorizzata tissana l-atti billi titlob iz-zieda necessarja f’dan ir-rigward. F’dan ir-rigward il-Qorti tista tordna li f’terminu specifiku l-attrici ghandha tindka permezz ta’ nota l-iskop ghala trid li jinstema kull xhud li hi indikat;

Fit-tielet lok il-konvenuti qed jeccepixxu li c-citazzjoni hi nulla peress li tonqos il-kawzali li t-testment de quo hu in effett it-testment li jirregola is-successjoni tal-mejjet Fortunato Vella u inoltre jonqsu l-provi dokumentarji f’dan ir-rigward. Inoltre l-attrici nomine naqset li tindika fuq liema artikolu tal-Kodici Civili qed tibbaza l-pretensjonijiet taghha u dan irendi c-citazzjoni iritwali;

F’dan ir-rigward ghandu jigi rilevat li hu ovvju li l-attrici nomine qed tippretendi li l-wirt tad-decuius hu regolat mit-testment imsemmi fic-citazzjoni. Ma kienx hemm ghalfejn li l-attrici tippresenta mac-citazzjoni f’dan ir-rigward ir-ricerki tat-testmenti pubblici u sigrieti tad-decuius. Jekk jinqala l-bzonn l-attrici nomine ghad tista tippresenta tali dokumenti fl-istadju tal-provi. In-nuqqas tal-produzzjoni ta’ dawn id-dokumenti mac-citazzjoni zgur li ma jrendix nulla l-istess citazzjoni. Anke f’dan ir-rigward jekk il-konvenuti ghandhom xi provi x’jghamlu huma ser ikollhom kull opportunita biex jghamlu l-istess provi;

Lanqas ma kien necessarju li l-attrici tindika b’mod inekwivoku t-tip partikolari ta’ legittima in kwestjoni f’din il-

kawza kif ukoll il-bazi legali tal-pretensjoni taghha. In effett hu ovvju li qed jigi mitlub li tinghata lill-minuri dik il-legittia li trid il-ligi u li hi applikabbli ghal kaz tieghu. Hu zgur li ma jistax jinghad li d-difiza tal-konvenuti sa issa b’xi mod giet pregudikata. Inoltre hu zgur li n-nuqqas ta’ riferenza ghall-artikolu tal-ligi li fuqu jkunu bbazati t-talbiet f’kawza ma jrendix ic-citazzjoni nulla;

Fir-raba lok il-konvenuti jsostnu li l-azzjoni hi insostenibbli stante li m’hemmx talba ghal likwidazzjoni tal-wirt tad-decuius Fortunato Vella, liema talba ghandha necessarjament tipprecedi t-talba ghal likwidazzjoni tal-legittima. F’dan ir-rigward il-konvenuti jissottomettu li l-mejjet Fortunato VeIla kien mizzewweg u martu kienet ghadha hajja meta huwa gie nieqes. Ghalhekk bejniethom, skond l-istess konvenuti, kienet ghada tesisti l-komunjoni ta’ l-akkwisti u ghalhekk u biex eventwalment tista tigi likwidata u stabilita l-pretensjoni ta’ l-attrici nomine, hu necessarju illi l-ewwel tigi likwidata l-imsemmija komunjoni tal-akkwisti u biss sussegwentement jista jigi likwidat is-sehem spettanti lid-decuius u biss sussegewntement tista tigi likwidata legittima li tista tkun dovuta;

Jigi rilevat li fl-ewwel lok mart id-decuius mhux parti f’din il-kawza. Fit-tieni lok ghad trid issir il-prova li d-decuius kien mizzewweg u li l-eventwali komunjoni tal-akkwisti kienet ghada esistenti fil-hin tal-mewt tal-istess decuius. Inoltre l-kwistjoni ta’ likwidazzjoni ta’ wirt tad-decuius tista tkun inerenti fit-talba ghall-ikwidazzjoni tal-legittima u ghalhekk ma hemmx ghalfejn issir talba ad hoc dwar il-likwidazzjoni tal-wirt tad-decuius;

In vista ta dak kollu li gie premess l-ewwel erba eccezzjonijiet tal-konvenuti ghandhom jigu michuda b’dan li ghandu jinghata terminu lill-attrici nomine li fih trid tindika ir-raguni ghaliex tird tipproduci kull xhud li hi indikat;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-ewwel erba eccezzjonijiet tal-konvenuti b’dan li l-attrici nomine ghandha fi zmien xahar

millum tippresenta nota li fiha tindika l-iskop li ghalih trid li tipproduci kull xhud li hi elenkat fil-lista tax-xhieda taghha. Tiddifferixxi l-kawza ghal kontinwazzjoni ghas-seduta tas-7 ta’ Mejju, 2007.

L-ispejjez jibqghu riservati ghal gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------